MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 735/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C - 24655)**

**vs**

**Catherine Sultana**
**(I.D. 844750M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u disgha u tletin ewro u sitta u tletin centezmi (€2,539.36), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1013386 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi giet ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn, hames mija u disgha u tletin ewro u sitta u tletin centezmi (€2,539.36), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------